MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1174/2011

GasanMamo Insurance Limited [C3143]
vs
1. Alexander Jan Edward Van Reeven [Nru. Tal-Passaport Olandiz NF3121922]
u
2. Jeanette Marie Van Reeven [ID: 18086A]
in solidum u bejniethom

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi fl-20 ta' Ottubru, 2008 is-socjeta' GasanMamo harget polza assikurattiva bin-numru 76560502FBE763 tat-tip "Third Party Fire & Theft" fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta' ta' l-intimata Jeanette Marie van Reevan; liema polza kienet tkopri lill-assikurata u lil kull sewwieq awtorizzat minnha skond it-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza;

2. Illi fil-5 ta' Jannar, 2009, waqt illi l-vettura imsemmija kienet qed tinstaq fi Triq Ghajn Dwieli, Paola, mill-intimat Alexander van Reeven, bin l-assikurata tas-socjeta' rikorrenti, sehh incident awtomobilistiku illi fih kienu nvoluti wkoll il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBV 384 proprjeta' ta' Emmanuel Lawrence Schembri, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBT 075 proprjeta' ta' Maria Katarina Schembri, kif ukoll proprjeta' privata ta' Stephen Attard – u dana bhalma jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija anness fir-rikors u mmarkat bhala **Dok. GMI. 1**;

3. Illi fil-hin ta' l-incident, l-intimat Alexander van Reeven, irraporta lill-Pulizija illi l-vettura tieghu kienet giet nieqsa waqt illi kien halliha ipparkjata f'Tas-Sliema, u mistoqsi kif kien sehh l-incident qal "I wouldn't have a clue", u dana bhalma jirrizulta mill-istess rapport **Dok. GMI. 1**;

4. Illi permezz ta' *claim* irregistrata mill-intimati mas-socjeta' rikorrenti fis-6 ta' Jannar, 2009, l-intimat Alexander van Reeven iddikkjara illi kien xorob "a couple of beers" fl-istabbiliment 'Black Gold' f'Tas-Sliema, u wara illi telaq minn Tas-Sliema u kien qed isuq lejn il-Birgu tilef il-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763, ikkawza l-incident *de quo* u telaq minn fuq il-post ta' l-incident allegatament biex isejjah il-Pulizija. Waqt illi kien miexi lejn id-dghajsa tieghu fil-Birgu, il-Pulizija kkuntattjaw lill-ommu l-intimata Jeanette Marie van Reeven, illi qaltilhom illi l-vettura kienet qed tinstaq minn binha l-intimat Alexander van Reeven, illi qaltilhom illi l-vettura kienet qed tinstaq minn binha l-intimat Alexander van Reeven. Mistoqsi il-ghalfejn irraporta serqa tal-vettura lill-Pulizija, l-intimat Alexander van Reeven qal illi "I would not have a clue", u li ma kellux ideja ghal xiex kienu qed jghidu l-Pulizija fir-rapport taghhom. L-intimat Alexander van Reeven zied ukoll jghid illi kien xorob erba' fliexken (presubbilment tal-birra) – u dana bhalma jirrizulta mill-*claim form* anness fir-rikors u mmarkat bhala **Dok. GMI. 2**;

5. Illi ghaldaqstant u *ex admissis*, l-intimat Alexander van Reeven kien qed isuq il-vettura in kwistjoni taht l-

influenza tax-xorb, u b'hekk kiser it-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza;

6. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, datata 24 ta' Frar, 2009, l-intimat Alexander van Reeven instab hati fuq l-akkuza illi ghamel rapport falz illi Pulizija in konnessjoni ma' l-incident *de quo*, u dana bhalma jirrizulta mill-kopja tas-sentenza annessa fir-rikors u mmarkata bhala Dok. GMI.3, u minhabba f'hekk ukoll kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza in kwistjoni illi jirrikjedu illi l-assikurat izomm lis-socjeta' rikorrenti f'relazzjoni *in uberrimae fides*, u li jzomm l-oghla livelli ta' onesta u genwinita' f'kull hin u mument sa fejn dan huwa relatat ma' xi *claim* li jkun ghamel ma' l-istess socjeta' rikorrenti;

7. Illi in segwitu ta' arbitraggipprezentat fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-ismijiet "*Maria Katerina Schembri –vs- Jeanette Marie van Reeven u Alexander van Reeven*" [Arb. Nru. M1998/2009] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Joseph M. Buttigieg fil-11 ta' Mejju, 2010, l-intimat Alexander van Reeven gie ddikjarat bhala risponsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-socjeta' rikorrenti hallset lil Maria Katerina Schembri s-somma ta' ghaxart elef u hamsa u sittin Euro u disgha u hamsin Eurocentezmi (€10,065.59) in linea ta' danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel ai termini ta' l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta – **Dok. GMI. 4** u **Dok.GMI. 5**;

8. Illi in segwitu ta' arbitragg ipprezentat fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-ismijiet "*Emmanuel Schembri –vs- Jeanette Marie van Reeven u Alexander van Reeven*" [Arb. Nru. M2000/2009] u deciz permezz ta' lodo moghti mill-arbitru Av. Richard Galea Debono fit-8 ta' April, 2010, l-intimat Alexander van Reeven gie ddikjarat bhala risponsabbli ghall-incident in kwistjoni, u s-socjeta' rikorrenti hallset lil Emmanuel Schembri s-somma ta' ghaxart elef erba' mija u disgha u tmenin Euro u tlieta u erbghin Eurocentezmi (€10,489.43) in linea ta' danni, spejjez u imghaxijiet, u dana kif kellha l-obbligu illi taghmel

ai termini ta’ l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta – **Dok. GMI. 6** u **Dok.GMI. 7**;

9. Illi inoltre’ dawn l-ispejjez, is-socjeta’ rikorrenti hallset ukoll is-somma ta’ erbgha u disghin Euro u tmienja u disghin Eurocentezmi (€94.98) ghal *survey reports* illi saru fuq il-vetturi tat-terzi persuni involuti;

10. Illi ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti sal-lum soffriet danni ammontanti komplessivament fl-ammont ta’ **ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00)**;

11. Illi ghal dawn id-danni jahtu l-intimati *in solidum* u bejniethom, u dana *stante* illi l-intimata Jeanette Marie van Reeven ippermettiet illi l-vettura assikurata f’isimha tinstaq minn persuna illi kienet qed issuq fi stat intossikat; u *stante* illi l-intimat l-iehor Alexander van Reeven kiser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni, u dana fuq premess;

12. Illi interpellati sabiex ihallsu permezz ta’ ittra ufficcjali datata 26 ta’ Novembru, 2009, l-intimati baqghu inadempjenti; u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni;

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara illi bl-eghmil taghhom l-intimati ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 76560502FBE763 mahruga mis-socjeta’ rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta’ ta’ l-intimata Jeanette Marie van Reeven;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ **ghoxrin elf, sitt mija u hamsin Euro (€20,650.00)**, jew kwalunkwe somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati, *in solidum* u bejniethom sabiex ihallsu s-somma hekk illikwidata;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-26 ta' Novembru, 2009, u dak tal-Mandat ta' Inibizzjoni ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta' rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha esponew:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta Jeanette Van Reeven ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li diga tezisti decizjoni ta' arbitragg li tezonera kompletament lill-konvenuta Jeanette Van Reeven. Din id-decizjoni hija fl-ismijiet **Maria Katerina Schembri vs Jeanette Marie Van Reeven et**. deciza fil-11 ta' Mejju, 2010 mill-Arbitru Dr. Joseph M. Buttigieg. Ghalhekk jezisti gudikat ghar-rigward ta' l-incident in kwistjoni u konsegwentement il-lodo l-iehor citat moghti mill-Arbitru Dr. Richard Galea Debono li jidher li huwa kontradittorju ghal dan m'ghandux ikollu effett fejn dan jaffettwa lill-konvenuta.

2. Illi minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll il-proceduri arbitrali imsemmija kien gew kontestati fuq indoli kostituzzjonali. Fil-frattemp inghatat decizjoni (H. Vassallo & Sons Ltd. vs Avukat Generali, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011) fejn gie dikjarat illi tali proceduri ta' arbitragg mandatarju effettivament ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali ta' smiegh xieraq. F'dawn ic-cirkostanzi d-decizjonijiet a bazi ta' liema s-socjeta' attrici qed tipprocedi f'din il-kawza qed jigu kontestati.

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront tal-konvenut Alexander Van Reeven *stante'* illi huwa ma kienx taht l-influwenza tax-xorb meta sehh l-incident u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-

kawza u ghalhekk ma kiser l-ebda kundizzjonijiet tal-polza. B'konsegwenza ta' dan xejn mhu dovut minnu lis-socjeta' attrici.

4. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Jeanette Van Reevan ukoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan *stante* illi l-konvenuta wkoll ma kisret l-ebda kundizzjoni tal-polza meta ppermettiet lil binha isuq il-vettura in kwistjoni u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju d-danni reklamati huma eccessivi.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda pprezentata mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Fit-13 ta' Jannar, 2012 gie deciz li l-provi jigu limitati ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet. Ghalhekk il-partijiet prezentaw in-noti tal-osservazzjonijiet. Izda hemm nuqqas ta' qbil fuq il-provi dwar it-tieni eccezzjoni u ghalhekk sejra l-ewwel tghaddi biex tipprovdi dwar l-ewwel eccezzjoni

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Il-Locus Standi ta' l-intimata Jeanette Van Reeven:</u>***

L-intimata eccepiet li hi giet citata inutilment u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba li f'decizjoni fl-ismijiet **Maria Katerina Schembri vs Jeanette Marie Van Reeven et** deciza fil-11 ta' Mejju

2010 mill-Arbitru Dr. Joseph M. Buttigieg il-konvenuta Jeanette Marie Van Reeven giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li hi, qau sid tal-vettura in kwistjoni, m'ghandhiex tkun tenuta responsabbli ghall-incident in kwistjoni pero' ghalieh se mai jahti biss ix-xufier.

Izda l-Qorti thoss li dan mhux applikabbli. Infatti l-intimata Jeanette Marie Reeven kienet il-*policy-holder* tal-polza assikurattiva numru 76560502FBE763 mahruga mis-socjeta` attrici fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBE 763 proprjeta` ta' l-istess intimata (Ara Dok. GMI. 8 kopja tal-*proposal form* originali tat-3 ta' Frar, 2005 meta kienet inharget il-polza assikurattiva in kwistjoni ghall-ewwel darba – liema dokument juri l-firma ta' l-intimata). Din il-polza assikurattiva baqghet tigi mgedda u baqghet *in vigore* sal-gurnata meta sehh l-incident awtomobilistiku tal-5 ta' Jannar, 2009. Ghalhekk l-intimata kienet dahlet f'kuntratt ta' assikurazzjoni mas-socjeta' rikorrenti u kwindi tezisti relazzjoni guridika ex contractu bejnha u bejn is-socjeta` attrici. Din ir-relazzjoni guridika tezisti minkejja kwalunkwe decizjoni jew lodo ta' l-arbitragg illi seta' lliberaha mill-htija ghall-incident msemmi, u dana li dik id-decizjoni kienet ovvjament ibbazata fuq terz illi kien qed ifittex lill-intimata Jeanette Van Reeven fuq bazi ex delictu. Ir-relazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u l-intimata Jeanette Van Reeven hija dik ta' bejn assikurattrici u assikurata.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Il-kawza differita ghall-kontinwazzjoni ghall-10 ta' April, 2013 fid-9.15 a.m.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------